MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tat-28 ta' Lulju, 2006

Numru. 861/2004

Il-Pulizija
Spettur Anthony Cassar
vs
Godwin Pulis
Norbert Pulis

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputati fuq imsemmija, li permezz taghhom huma gew akkuzati talli fit-12 ta' Marzu, 2004 ghall-habta ta' xi t-tmienja ta' filghodu quddiem l-ghassa ta' Haz-Zabbar, bil-hsieb li jezercitaw jedd li jippretendu li ghandhom bl-awtorita taghhom infushom fixklu lil Suzanne Plumpton u lil Benjamin Cilia fil-pussess ta' hwejjighom, jew b'xi mod kontra l-ligi indahlu fi hwejjeg haddiehor u dan billi ippruvaw jifthu l-bibien imsakkra tal-vettura ta' Suzannene Plumpton bin-numru ta' registrazzjoni SUE 079, meta din l-imsemmija vettura kienet tinsab wieqfa quddiem l-ghassa tal-pulizija ta' Haz-Zabbar;

U aktar talli habbtu bis-sahha fuq il-hgieg tal-bibien ta’ l-imsemmija vettura  u ippruvaw jisgassawha sabiex jiksbu access ghal go l-imsemmija vettura u b’hekk ikkagunaw hsara volontarja ghalkemm negligibbli fuq l-istess vettura;

U aktar talli uzaw vjolenza sabiex jippruvaw iggieghlu lil kwerelanti jaghmlu, jew li jhallu li jsir jew jonqsu milli jaghmlu xi haga cioe’ jifthu t-tiskir tal-karozza;

U aktar talli ma obdewx l-ordnijiet legittimi ta’ WPC 15 C Gatt u PC 518 A Degiovani persuni inkarigati skond il-Ligi minn servizz pubbliku;

Akkuzati wkoll talli heddew u bezzghu lil kwerelanti u ippruvaw jhebbu ghalihom fil-hsieb li jaggreduhom;

U aktar talli volontarjament kisru l-bon ordni u l-paci pubblika b’ghajjat u glied;

Barra dan Norbert Pulis fit-12 ta’ Marzu, 2004 fil-Fgura u Haz-Zabbar segwa lil kwerelanti bil-vettura tieghu biex jimmolestahom jew jivvestahom u aktar saq il-vettura tieghu b’mod perikoluz u negligenti, bi ksur tar-regolamenti tas-sewqan billi issikka u issorpassa il-vettura tal-kwerelanti ghal aktar minn darba bi speed eccessiv u perikoluz u baqa’ isegwihom;

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat u deciz bi procedura sommarja u semghet liz-zewg imputati fuq imsemmija jiddikjaraw li ma kellhom l-ebda oggezzjoni illi l-kaz taghhom jigi deciz u trattat bi procedura sommarja;

Semghet lix-xhieda li gew prodotti;

Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi li gew imressqa u l-atti kollha ta’ dan il-procediment;

Semghet it-trattazzjoni tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza;

Ikkunsidrat :

Illi irrizulta mill-provi prodotti illi fit-12 ta' Marzu, 2004 Suzanne Plumpton kienet fil-vettura taghha u hdejha kien hemm il-'boyfriend' taghha Benjamin Cilia. Hija kienet fi triqitha lejn ix-xoghol u rat lil Norbert Pulis li kien fil-vettura tieghu u skond hi dan bezaq 'il barra mill-karozza lejn il-karozza taghha u sussegwentement beda isegwiha bil-vettura tieghu. Skond ix-xiehda ta' Suzanne Plumpton, Norbert Pulis kull darba beda jaqbizha bil-vettura tieghu u ghalhekk meta waslet fil-Main Road il-Fgura iddecidiet, peress li kien ghadu qieghed isegwiha, li tirritorna lejn Haz-Zabbar u tmur taghmel rapport l-ghassa. Izda kif kienet ser taghmel hekk Norbert Pulis qabizha bil-vettura tieghu u mar lejn id-direzzjoni ta' l-ghassa. Effettivament hija rat il-vettura tieghu ipparkjata barra l-ghassa allura baqghet sejra d-dar u minn hemmhekk cemplet l-ghassa. L-ghassa qalulha biex ma tmurx dak il-hin taghmel ir-rapport ghaliex kien hemm Norbert Pulis u qalulha biex terga iccempel hames minuti wara u meta ghamlet hekk irrispondietha WPC 15 u qaltilha illi Norbert kien hareg mill-ghassa u ghalhekk hi setghet tmur liberalment l-ghassa taghmel ir-rapport taghha. Suzanne kompliet tixhed illi ghamlet hekk, ipparkjat il-vettura taghha quddiem l-ghassa u rat lil Norbert u lil ommu u lil missieru resqin lejn il-vettura taghha. Suzanne kompliet tixhed illi l-imputati Norbert u Godwin Pulis bdew jghajjtu u jippruvaw jifthu il-karozza taghha, bdew isabbtu fuq il-hgieg, fuq il-windscreen u jippruvaw jifthu il-bieb. Hija kienet sakret peress li ghandha is-'central locking' u ma setghux jidhlu. Fil-frattemp hargu il-pulizija minn go l-ghassa, bdew jordnawlhom biex jersqu 'il boghod mill-vettura taghha, izda l-imputati xorta baqghu issabbtu u jaghmlu. Eventwalment il-pulizija litteralment qabduhom u gibduhom 'il boghod mill-vettura taghha u dahluhom l-ghassa. Meta inghalaq il-bieb ta' l-ghassa Suzanne startjat il-vettura taghha u marret lejn id-dar u marret taghmel ir-rapport taghha wara nofsinhar.

Illi xehed Benjamin Cilia, il-'boyfriend' ta' Suzanne illi ikkonferma fit-totalita taghha il-xiehda illi tat Suzanne Plumpton.

Illi irrizulta wkoll mill-istess okkorrenza a folio 30 u 31 tal-process illi Suzanne Plumpton waqt illi kien qieghed isehh l-incident semghet lil Godwin Pulis ighid xi haga bhal "Tkomplux taghmlu hekk" u xi kliem iehor. Pero' tant kien hemm storbju u panic illi ma setghetx tifhem xejn u kellha xokk kbir fuqha dak il-hin.

Illi kemm Suzanne Plumpton, kif ukoll Benjamin Cilia it-tnejn xehdu illi z-zewgt imputati it-tnejn li huma bdew isabbtu fuq il-vettura taghhom u jippruvaw jifthu il-bibien ta' din l-istess vettura.

Illi xehdet WPC 15 Caroline Camilleri u qalet illi fit-12 ta' Marzu, 2004 kienet xoghol, fethet l-ufficju tal-bieb li jaghti mill-ufficju ghall-ghassa u rat illi PC 518 li kien orderly dakinhar kellu xi nies mal-bank u kien qieghed jaqdihom u daqq it-telephone. Hija irrispondiet it-telephone u fuq il-linja kien hemm Suzanne Plumpton li qaltilha li riedet tigi taghmel rapport l-ghassa u illi pero' qabel ma tigi l-ghassa riedet tkun taf jekk kienx hemm Norbert Pulis. WPC 15 wiegbitha "Le bhalissa l-ghassa ma hawn hadd" u dana peress illi l-persuna li kienet qeghda tkellem lil PC 518 kienet lahqet telqet mill-ghassa. WPC 15 kompliet tixhed illi gara illi Norbert Pulis kien ghadu fil-karozza barra meta waslet Suzanne Plumpton l-ghassa u kif Suzanne Plumpton waslet l-ghassa bil-vettura taghha gie l-ghassa bil-karozza tieghu is-Sur Godwin Pulis u inqala argument fejn l-ghassa. WPC 15 kompliet tixhed illi Godwin Pulis hareg mill-vettura tieghu u beda ihabbat mal-hgiega tal-vettura ta' Suzanne Plumpton u beda jghidilha "Lilna ma ghandekx xi tridna hallina, lit-tifel hallih u ma ghandekx xi tridu". Hija qalet illi kif semghu hekk huma hargu hi u PC 518 fejn l-ghassa u ippruvaw jikkalmaw is-sitwazzjoni fejn kien hemm hafna ghajjat u dahlu liz-zewg imputati l-ghassa u rat lil Suzanne Plumpton li kienet ma xi hadd fil-vettura taghha titlaq minn fuq il-post. Fil-frattemp huma infurmaw lill-Ispettur li qalilhom biex izommu liz-zewg imputati fl-ghassa sa kemm jigi hu ikellimhom u hi cemplet lil Suzanne Plumpton biex tigi l-ufficju taghmel ir-rapport taghha u meta taghmel hekk tidhol minn naha tal-ufficju biex ma jergghux jiltaqghu hi u Norbert Pulis. Izda Plumpton qaltilha "Nigi aktar tard" u fil-fatt ghamlet ir-

rapport taghha filghaxija. Ix-xhud kompliet tghid li ma kienx Norbert Pulis li habbat mal-hgiega tal-vettura ta' Plumpton, izda kien l-imputat Godwin Pulis. Hija xehdet ukoll illi Godwin Pulis habbat mal-vettura ta' Plumpton, izda mhux b'sahhtu hafna u xehdet ukoll illi ma kienx hemm xi hadd illi ipprova jaghmel hsara f'din il-vettura. Umbaghad xehdet hekk "Ahna gbidnihom u dahhalnihom l-ghassa. Hadd ma ipprova jisgassa jew jaghmel hsara fil-karozza ta' Suzanne Plumpton fl-ebda hin. Jien ma rajt lil hadd imbezzgha jew imwerwer fuq il-post. Konna zewg pulizija. Kif inqala l-incident u rajnih ihabbat mal-hgiega dahhalnihom mal-ewwel l-ghassa. Mieghi kien hemm il-kuntistabbli 518. Dahhalna lil Godwin u lil Norbert Pulis l-ghassa. Dahlu l-ghassa u x'hin ghidnielhom bizzejjed idhlu l-ghassa, dahlu. Kif dahhalnihom l-ghassa s-Sinjorina Plumpton saqet u telqet minn fuq il-post. Kif ghidnielhom bizzejjed idhlu l-ghassa, obdew mal-ewwel u dahlu l-ghassa."

Illi xehed ukoll PC 518 Anthony Degiovanni u dwar l-incident in kwistjoni huwa qal li meta waslet Suzanne Plumpton l-ghassa Norbert u missieru bdew ihabbtu mal-hgiega u jghidulha biex ma tkomplix taghmel hekk u thallihom bi kwiethom. Huma dahlu lil missier Norbert u lil Norbert stess l-ghassa sa kemm ikkalmat is-sitwazzjoni. Wara jahseb li kien filghaxija, giet Suzanne Plumpton taghmel ir-rapport taghha. Il-pulizija kompla jixhed illi min habbat mal-hgiega tal-vettura ta' Plumpton qalilha "Hallina bi kwietna, tibqax taghmel hekk". Meta habbat id-daqqiet kienu normali u mhux daqqiet kbar biex ikisser. Huwa xehed illi hadd ma ipprova jiftah il-bieba u johrog lil Suzanne mill-karozza. Huma qalu lill-imputati biex jidhlu l-ghassa u huma obdew u dahlu l-ghassa. Dakinhar ma kien hemm l-ebda hsarat. Kien hemm ghajjat, pero' mhux ghajjat ezagerat. PC 518 Anthony Degiovanni esebixxa vera kopja ta' l-okkorrenza meritu ta' dan l-incident li tinsab esebita a fol. 45 u 46 ta' dan il-process.

Illi punt rilevanti ferm li jinsab proprju fl-ahhar paragrafu ta' din l-okkorrenza, a fol. 46 tal-process, fejn tnizzel hekk :
"F'xi hin waqt li Godwin Pulis kien l-ghassa ta' Haz-Zabbar qal lill-pulizija li jekk Suzanne tghaddi minn quddiem il-

garaxx tieghu kien ser ittajjrilha rasha. L-Ispettur Anthony Cassar gie infurmat b'dan kollu. PS 1262 Zammit gie infurmat ukoll u ghandu johrog l-akkuzi ghall-Qorti skond dan."

Illi l-Ispettur Anthony Cassar ikkonferma illi huwa kien diga hareg akkuzi kontra z-zewg imputati fuq imsemmija li kienu qeghdin jinstemghu mal-kawzi tad-distrett ta' Haz-Zabbar, izda umbaghad kien irceva kwerela ohra minghand Dr Tonio Azzopardi u rega' hareg l-akkuzi odjerni li umbaghad kellhom jinstemghu mill-Qorti tal-Magistrati (bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali).

Illi l-Qorti rat il-verbal taghha tat-13 ta' April, 2006 fejn Dr Micallef Strafrace ghall-imputati u Dr Joseph Giglio ghall-parte civile iddikjaraw illi jaqblu illi l-verbal tal-10 ta' Mejju 2004, id-Dokument RM, jirrigwarda l-mertu tal-proceduri li finalment astjeniet minnhom il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali waqt is-seduta tal-4 ta' Ottubru 2004 a fol. 7 tal-process. Il-Qorti rat ukoll il-verbal ta' Dr Micallef Strafrace ghall-imputati fejn Dr Micallef Strafrace invitat lil din il-Qorti sabiex tara jekk ghandhiex tordna lill-pulizija jinvestigaw jekk hemmx kaz ta' spergur u kalunja fil-konfront ta' Suzanne Plumpton u Benjamin Cilia wara x-xiehda ta' WPC 15, PC 518 u l-Ispettur Anthony Cassar.

Ikkunsidrat :

Wara li l-Qorti ezaminat il-provi li gew prodotti issa ser tghaddi sabiex tara jekk jirrizultawx l-akkuzi dedotti kontra z-zewg imputati fuq imsemmija.

Illi fir-rigward ta' l-ewwel akkuza, dik illi l-imputati bil-hsieb li jezercitaw jedd li jippretendu li ghandhom bl-awtorita taghhom infushom fixklu lil Suzanne Plumpton u lil Benjamin Cilia fil-pussess ta' hwejjighom, jew b'xi mod kontra l-ligi indahlu fi hwejjeg haddiehor u dan billi ippruvaw jifthu l-bibien imsakkra tal-vettura ta' Suzanne Plumpton, il-Qorti tara li din l-akkuza ma gietx sufficjentement ippruvata peress illi ma jirrizultawx l-elementi kontemplati fl-Artikolu 85 tal-Kap. 9.

Illi fir-rigward tat-tieni akkuza u cioe' dik illi z-zewg imputati fuq imsemmija habbtu bis-sahha fuq il-hgieg tal-bibien ta' l-imsemmija vettura u ippruvaw jisgassawha sabiex jiksbu access ghal go din l-imsemmija vettura u b'hekk ikkagunaw hsara volontarja ghalkemm negligibbli fuq din l-istess vettura il-Qorti wkoll tara li din l-akkuza ma gietx ippruvata u dana fuq konflitt ta' provi, peress illi filwaqt illi Suzanne u Benjamin qeghdin jghidu illi l-imputati habbtu bis-sahha u ippruvaw jisgassaw il-vettura il-pulizija u senjatament WPC 15 u PC 518 xehdu illi ghalkemm kien hemm tahbit dan ma kienx bis-sahha u illi hadd miz-zewg imputati ma ipprova jiftah il-bibien ta' din il-vettura.

Illi fir-rigward tat-tielet akkuza u cioe' illi z-zewgt imputati fuq imsemmija uzaw il-vjolenza sabiex jippruvaw iggieghlu lil kwerelanti jaghmlu, jew li jhallu li jsir jew jonqsu milli jaghmlu xi haga cioe' jifthu t-tiskir tal-karozza l-Qorti tara li din l-akkuza giet ippruvata u dana peress illi z-zewg imputati certament uzaw vjolenza billi bdew ihabbtu mal-vettura ta' Suzanne Plumpton u bdew ukoll jghajtu tant illi kif xehdu l-pulizija stess kellhom jaqalghuhom minn mal-vettura ta' Suzanne Plumpton u jeskortawhom fl-ghassa tal-pulizija. Din il-verzjoni tal-pulizija tikkollabora dik ta' Suzanne Plumpton u ta' Benjamin Cilia u ghalhekk din it-tielet akkuza giet ippruvata.

Illi fir-rigward tar-raba akkuza il-Qorti tara li din ma gietx ippruvata u dana peress illi WPC 15 u PC 518 xehdu illi meta qalu lill-imputati biex jiefqu obdewhom u mal-ewwel dahlu go l-ghassa u ghalhekk ma tistax issibhom hatja li ma obdewx l-ordnijiet legittimi ta' l-pulizija.

Illi fir-rigward tal-hames akkuza dik illi l-imputat heddew u bezzghu lil kwerelanti u ippruvaw jhebbu ghalihom fil-hsieb li jaggreduhom il-Qorti tara li din l-akkuza giet ippruvata fil-konfront taz-zewg imputati fuq imsemmija.

Illi effettivament l-parte civile kienu imsakkrin fil-vettura taghhom u z-zewg imputati fuq imsemmija bdew issabbtu u ihabbtu mal-hgieg tal-vettura ta' Suzanne Plumpton tant illi l-pulizija kellhom johorgu mill-ghassa u fizikament

jaqlawhom minn mal-vettura ta’ Suzanne Plumpton u jeskortawhom fl-ghassa.

Illi fir-rigward tas-sitt akkuza dik tal-ksur tal-bon ordni u l-paci pubblika b’ghajjat u glied din l-akkuza ukoll giet ippruvata. Li kieku ma kienx hemm l-ghajjat, li kieku l-pulizija ma kienux jisimghu u ma kienux johorgu mill-ghassa u ghalhekk certament din l-akkuza giet ippruvata.

Illi fir-rigward tas-seba akkuza din ma gietx ippruvata. Il-Qorti ma kellha l-ebda provi fis-sens illi Norbert Pulis saq il-vettura tieghu b’mod perikoluz u negligenti jew li saq b’xi speed etc.

Illi in rikapitilazzjoni il-Qorti qeghda tillibera liz-zewg imputati fuq imsemmija mill-ewwel, mit-tieni, u mir-raba akkuzi u qeghda tillibera lill-imputat Norbert Pulis mis-seba akkuza. Il-Qorti qeghda issib liz-zewg imputati fuq imsemmija <u>hatja</u> tat-tielet, tal-hames u tas-sitt imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom u dan wara li l-Qorti rat l-Artikoli 251, 339 (1) (e), u 338 (dd) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta. Il-Qorti ghalhekk, wara li rat ukoll l-Artikolu 22 tal-Kap. 446 qeghda tillibera liz-zewg imputati fuq imsemmija bil-kondizzjoni li ma jaghmlux reat iehor fi zmien tlett xhur millum. Finalment il-Qorti, wara li rat ukoll l-Artikolu 383 tal-Kap. 9, torbot lill-hatja b’obbligazzjoni taghhom innifishom taht penali ta’ multa ta’ mitt lira ghall-perjodu ta’ tnax il-xahar mil-lum milli b’xi mod jimmolestaw aktar lil Susanne Plumpton u lil Benjamin Cilia.

Finalment il-Qorti tiddikjara illi certament <u>mhuwiex il-kaz</u> illi ghandha tordna lill-pulizija sabiex jinvestigaw jekk hemmx kaz ta’ spergur u kalunja fil-konfront ta’ Suzanne Plumpton u Benjamin Cilia.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------